SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

7 ta' Marzu 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Artikolu 37 – Kodiċi Doganali Komunitarju – Regolament (KEE) Nru 2454/93 – Artikolu 313 – Status doganali tal-merkanzija – Preżunzjoni tan-natura Komunitarja tal-merkanzija"

Fil-Kawża C-643/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Ottubru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Novembru 2017, fil-proċedura

Suez II Water Technologies & Solutions Portugal Unipessoal Lda, li kienet GE Power Controls Portugal, Material Eléctrico Lda, u sussegwentement GE Power Controls Portugal Unipessoal Lda

vs

Fazenda Pública,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn C. Toader, President ta' Awla, A. Rosas (Relatur) u L. Bay Larsen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Suez II Water Technologies & Solutions il-Portugall, Unipessoal Lda, li kienet GE Power Controls il-Portugall, Material Eléctrico Lda, minn R. Garção Soares, advogado,

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u N. Vitorino, bħala aġenti,

– għall-Gvern Elleniku, minn M. Tassopoulou u A. Dimitrakopoulou, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn S. Jiménez García u V. Ester Casas, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Caeiros u F. Clotuche-Duvieusart, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"), kif ukoll tal-Artikolu 313(1) u (2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 75/98 tat-12 ta' Jannar 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 404) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implimentazzjoni").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Suez II Water Technologies & Solutions Portugal Unipessoal Lda, li kienet GE Power Controls Portugal, Material Eléctrico Lda, u sussegwentement GE Power Controls Portugal Unipessoal Lda (iktar 'il quddiem "Suez II") u il-Fazenda Pública (it-Teżor pubbliku, il-Portugall), dwar l-istatus doganali ta' ċerta merkanzija akkwistata minn Suez II.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Kodiċi Doganali

3 L-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali li kien fis-seħħ matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-perijodu ta' bejn is-16 ta' Ġunju 2000 u l-24 ta' Awwissu 2000, kien jiddikjara:

"Għall-iskopijiet ta' dan il-Kodiċi, huma applikabbli definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

6) 'Status doganali' tfisser l-istatus ta' merkanzija bħala merkanzija tal-Komunità jew mhux tal-Komunità;

7) 'Merkanzija tal-Komunità' tfisser merkanzija:

– kompletament miksub fit-territorju doganali tal-Komunità skond il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23 u li ma jinkorporax oġġetti impurtati minn pajjiżi jew territorji li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità. […]

– impurtata minn pajjiżi jew territorji li ma jifformawx parti mit-territorju doganali tal-Komunità li nħelsu għal ċirkolazzjoni libera,

– miksuba jew prodotta fit-territorju doganali tal-Komunità, minn merkanzija li ssir referenza għaliha fit-tieni inċiż waħdu jew minn merkanzija li ssir referenza għaliha fl-ewwel u t-tieni inċiż;

8) ‘Merkanzija mhux tal-Komunità’ tfisser merkanzija minbarra dik li ssir referenza għaliha fis-subparagrafu 7.

[…]

13) ‘Sorveljanza mill-awtoritajiet doganali’ tfisser azzjoni meħuda b’mod ġenerali minn dawk l-awtoritajiet bil-għan li jiżguraw illi r-regoli doganali u, fejn xieraq, dispożizzjonijiet oħra applikabbli għal merkanzija soġġetta għal sorveljanza doganali jiġu osservati;

14) ‘Kontrolli doganali’ tfisser atti speċifiċi [bħal eżami ta’ merkanzija, il-verifika tal-eżistenza u tal-awtentiċità ta’ dokumenti, l-eżami tal-kontijiet ta’ impriżi u ta’ dokumenti oħra] sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta’ regoli doganali u ta’ liġijiet oħrajn [applikabbli għall-merkanzija taħt sorveljanza doganali […];

[…]

19) ‘Preżentazzjoni ta’ merkanzija lid-dwana’ tfisser in-notifika lill-awtoritajiet doganali, bil-mod stipulat, tal-wasla ta’ merkanzija fl-uffiċċju doganali jew f’kull post ieħor indikat jew approvat mill-awtoritajiet doganali;

[…]”

4 L-Artikolu 13 tal-Kodiċi Doganali kien jipprovdi:

“L-awtoritajiet doganali jistgħu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-dispożizzjonijiet fis-seħħ, iwettqu l-kontrolli kollha li huma jqisu neċessarji sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-regoli doganali […].”

5 L-Artikolu 14 ta’ dan il-kodiċi kien jipprevedi:

“Għall-iskopijiet ta’ l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali, kull persuna involuta direttament jew indirettament fil-ħidmiet imsemmija għall-iskop ta’ kummerċ f’merkanzija għandha tipprovdi lill-awtoritajiet doganali bid-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa, jkun x’ikun il-mezz użat, u l-għajnuna kollha meħtieġa skond it-talba tagħhom u fit-terminu ta’ żmien preskritt.”

6 Skont l-Artikolu 16 tal-Kodiċi Doganali, il-persuni kkonċernati għandhom iżommu, għall-perjodu stipulat fid-dispożizzjonijiet li huma fis-seħħ u mill-anqas għal tliet snin kalendarji, għall-finijiet ta’ verifika doganali, id-dokumenti previsti fl-Artikolu 14 ikun xi jkun il-mezz użat.

7 Taħt it-titolu III tal-Kodiċi Doganali, intitolat “Dispożizzjonijiet applikabbli għal merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità sakemm tkun assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana”, il-Kapitolu I, intitolat “Dħul ta’ merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità”, l-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali kien jipprovdi:

“1. Merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità għandha, mill-ħin tad-dħul tagħha, tkun soġġetta għal sorveljanza doganali. Tista’ tkun soġġetta għal kontrolli doganali skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

2. Għandha tibqa’ taħt dik is-sorveljanza għaż-żmien neċessarju biex jiġi stabbilit l-istatus doganali tagħha, jekk ikun xieraq, u fil-każ ta’ merkanzija mhux tal-Komunità u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 82(1), sakemm l-istatus doganali tagħha jinbidel, tidħol f’żona ħielsa jew maħżen ħieles jew tkun esportata mill-ġdid jew meqruda skond l-Artikolu 182.”

8 L-Artikolu 38(1) u (5) tal-Kodiċi Doganali kien ifformulat kif ġej:

"1. Merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità għandha titwassal mill-persuna li ddaħħalha fil-Komunità mingħajr dewmien, mir-rotta speċifikata mill-awtoritajiet doganali u skond l-istruzzjonijiet tagħhom, jekk ikun hemm:

a) fl-uffiċċju doganali nominat mill-awtoritajiet doganali jew f'xi post ieħor nominat jew approvat minn dawk l-awtoritajiet; jew,

b) f'żona ħielsa, jekk il-merkanzija ser tiddaħħal f'dik iż-żona ħielsa direttament:

– bil-baħar jew bl-ajru, jew

– doganali minn fuq l-art mingħajr ma tgħaddi minn parti oħra tat-territorju doganali tal-Komunità, fejn iż-żona ħielsa tmiss mal-fruntiera ta' l-art bejn Stat Membru u pajjiż terz.

[…]

5. Il-paragrafi 1 sa 4 u l-Artikoli 39 sa 53 m'għandhomx japplikaw għall-merkanzija li tkun ħalliet temporanjament it-territorju doganali tal-Komunità hija u tiċċaqlaq bejn żewġ punti f'dak it-territorju bil-baħar jew bl-ajru, sakemm dak il-ġarr sar b'rotta diretta u b'servizz ta' l-ajru regolari jew linja tat-trasport bil-baħar mingħajr waqfa barra t-territorju doganali tal-Komunità.

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal merkanzija mgħobbija f'portijiet jew ajruporti jew fil-portijiet ħielsa ta' pajjiż terz."

9 L-Artikolu 40 tal-Kodiċi Doganali dwar il-preżentazzjoni ta' merkanzija lid-dwana, kien jistabbilixxi:

"Merkanzija li, skond l-Artikolu 38(1)(a), tasal fl-uffiċċju doganali jew post ieħor nominat jew approvat mill-awtoritajiet doganali għandha tkun preżentata lid-dwana mill-persuna li daħħlet il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità jew, jekk ikun xieraq, mill-persuna li tassumi responsabbilità għall-ġarr tal-merkanzija wara dak id-dħul".

10 L-Artikolu 43 tal-Kodiċi Doganali kien jipprevedi:

"Bla ħsara għall-Artikolu 45, merkanzija preżentata lid-dwana […] għandha tkun koperta b'dikjarazzjoni sommarja.

Id-dikjarazzjoni sommarja għandha tkun preżentata meta l-merkanzija tkun ġiet preżentata lid-dwana […]"

11 Skont l-Artikolu 44 tal-Kodiċi Doganali:

"1. Id-dikjarazzjoni sommarja għandha ssir fuq formola li tikkorrispondi mal-mudell preskritt mill-awtoritajiet doganali. Madankollu, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu l-użu, bħala dikjarazzjoni sommarja, ta' kull dokument kummerċjali jew uffiċjali li jkollu fih id-dettalji neċessarji għall-identifikazzjoni tal-merkanzija.

2. Id-dikjarazzjoni sommarja għandha tiġi pprezentata minn:

a) il-persuna li daħħlet il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità jew minn kull persuna li tassumi r-responsabbilità għall-ġarr tal-merkanzija wara dak id-dħul;

b) il-persuna li f'isimha aġixxew il-persuni li ssir referenza għalihom fis-subparagrafu (a)."

12 Il-Kapitolu 4 tal-Kodiċi Doganali tat-Titolu III, intitolat "Obbligazzjoni li merkanzija ppreżentata lid-dwana tiġi assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana", kien jinkludi l-Artikoli 48 u 49.

13 L-Artikolu 48 tal-Kodiċi Doganali kien jipprovdi:

"Merkanzija mhux tal-Komunità preżentata lid-dwana għandha tkun assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana awtorizzat għal dik il-merkanzija mhux tal-Komunità".

14 L-Artikolu 49(1) tal-Kodiċi Doganali kien redatt kif ġej:

"1. Fejn merkanzija tkun koperta b'dikjarazzjoni sommarja, il-formalitajiet neċessarji sabiex tkun assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana għandhom jitwettqu fi żmien:

a) 45 jum mid-data li fiha d-dikjarazzjoni sommarja tiġi preżentata fil-każ ta' merkanzija li tkun nġarret bil-baħar;

b) 20 jum mid-data li fiha d-dikjarazzjoni sommarja tiġi preżentata fil-każ ta' merkanzija li tkun inġarret b'mod ieħor mhux bil-baħar."

15 Taħt it-Titolu IV tal-Kodiċi Doganali, intitolat "Trattament jew użu approvat mid-dwana", l-Artikolu 59 tal-Kodiċi Doganali kien jistabbilixxi fil-paragrafu (1) tiegħu:

"1. Il-merkanzija kollha maħsuba biex titqiegħed taħt proċedura doganali għandha tkun koperta b'dikjarazzjoni għal dik il-proċedura doganali."

16 L-Artikolu 79 ta' dan il-kodiċi kien jipprevedi:

"Ħlasien għal ċirkolazzjoni libera jagħti lil merkanzija mhux tal-Komunità l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Komunità.

Dan għandu jinvolvi l-applikazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali, kompletar ta' formalitajiet oħra stipulati fir-rigward ta' importazzjoni ta' merkanzija u l-impożizzjoni ta' kull dazju legalment dovut."

17 Skont l-Artikolu 180 tal-Kodiċi Doganali:

"1. Fejn merkanziji jiddaħħlu jew jiġu ritornati f'parti oħra tat-territorju doganali tal-Komunità jew jitqiegħdu taħt proċedura doganali, iċ-ċertifikat li ssir referenza għalih fl-Artikolu 170(4) jista' jintuża bħala prova ta' l-istatus tal-Komunità jew mhux tal-Komunità ta' dawk il-merkanziji.

2. Fejn ma jiġix pruvat miċ-ċertifikat jew mezzi oħra li l-merkanziji għandhom status tal-Komunità jew mhux tal-Komunità, il-merkanziji għandhom jitqiesu li huma:

– merkanziji tal-Komunità, għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' dazji fuq l-esportazzjoni u liċenzji għall-esportazzjoni jew miżuri ta' l-esportazzjoni stipulati taħt il-politika kummerċjali,

– merkanziji mhux tal-Komunità fil-każijiet l-oħra kollha".

18 Taħt it-Titolu VII ta' dan il-kodiċi, intitolat "Dejn doganali" l-Artikolu 202 kien jipprovdi:

"1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz ta:

a) l-introduzzjoni kontra l-liġi fit-territorju doganali tal-Komunità ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, jew

[…]

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors fil-mument meta l-merkanziji jiġu introdotti kontra l-liġi.

[…]”

Ir-Regolament ta’ implimentazzjoni

19 L-Artikolu 313 tar-Regolament ta’ implimentazzjoni, li kien fis-seħħ matul il-perijodu kkonċernat mill-kawża prinċipali, kien jipprovdi:

“1. Bla ħsara għall-Artikolu 180 tal-Kodiċi u għall-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, il-merkanzija kollha fit-territorju doganali tal-Komunità għandha titqies li hi merkanzija Komunitarja, sakemm ma jiġix stabbilit li ma jkollhiex stejtus Komunitarju.

2. Dawn li ġejjin m’għandhomx jitqiesu bħala merkanzija Komunitarja sakemm ma jiġix stabbilit skont l-Artikoli 314 sa 323 ta’ dan ir-Regolament li għandha stejtus Komunitarju:

a) merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Komunità skont l-Artikolu 37 tal-Kodiċi;

b) merkanzija f’ħażna temporanja jew f’żona ħielsa jew f’maħżen ħieles;

c) merkanzija mqiegħda taħt proċedura sospensiva.

B’deroga minn din id-dispożizzjoni, punt (a), u skond l-Artikolu 38(5) tal-Kodiċi, l-oġġetti miġjuba fit-territorju doganali tal-Komunità għandhom jiġu meqjusa li huma oġġetti Komunitarji sakemm ma jiġix stabbilit li m’ għandhomx status Komunitarju:

– fejn, jekk imġarra bl-ajru, l-oġġetti ġew mgħobbija jew trasbordati fl-ajruport tal-Komunità, għal kunsinna lill-ajruport ieħor fit-territorju doganali tal-Komunità, u meħuda taħt il-koperta ta’ dokument wieħed tat-trapsort imħejji fi Stat Membru,

jew

– jew fejn, jekk imġarra bil-baħar, l-oġġetti nġarru bil-baħar bejn portijiet fit-territorju doganali tal-Komunità b’servizz regolari tal-bastimenti skond l-Artikoli 313a u 313b”.

20 L-Artikoli 314 sa 323 tar-Regolament ta’ implimentazzjoni kienu jikkonċernaw il-prova tal-istatus Komunitarju tal-merkanzija u l-forom li fihom setgħet tiġi stabbilita din il-prova.

21 L-Artikolu 314 tar-Regolament ta’ implimentazzjoni kien jipprovdi:

“1. Fejn l-oġġetti mhumiex meqjusa li huma oġġetti Komunitarji skond it-tifsira ta’ l-Artikolu 313, l-istatus Komunitarju tagħhom ma jistax ikun stabbilit taħt il-paragrafu 2 sakemm:

a) ma jkunux inġiebu minn Stat Membru ieħor mingħajr ma qasmu t-territorju ta’ pajjiż terz waqt li kienu ġejjin; jew

b) inġiebu minn Stat Membru ieħor u għaddew mit-territorju ta’ pajjiż terz, u inġarru taħt il-kopertura ta’ dokument waħdieni tat-trasport maħruġ fi Stat Membru […]

[…]

2. Prova li l-oġġetti għandhom status Komunitarju tista' tiġi stabbilita unikament:

a) permezz ta' wieħed mid-dokumenti hekk kif previst fl-Artikoli 315 sa 318;

jew

b) skond ir-regoli preskritti fl-Artikoli 319 sa 323;

[…]"

22 L-Artikolu 317 tar-Regolament ta' implimentazzjoni kien jistabbilixxi:

"1. Prova ta' l-istatus Komunitarju ta' oġġetti għandha tiġi fornita, skond il-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt, permezz tal-produzzjoni tad-dokument tal-fattura jew tat-trasport li jirrelata ma' l-oġġetti.

[…]

5. Dan l-Artikolu għandu japplika biss meta l-fattura jew id-dokument tat-trasport ikollhom x'jaqsmu esklużivament ma' merkanzija Komunitarja."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

23 Suez II topera fil-Portugall u għandha bħala l-għan tagħha l-industrija u l-kummerċ ta' tagħmir elettroniku. Hija rċeviet, fl-edifiċji tagħha, merkanzija maħsuba li tintuża fil-kuntest tal-attività industrijali tagħha. Din il-merkanzija ġiet ikkunsinnata u ffatturata matul is-snin 2000, 2001 u 2002 minn impriżi stabbiliti fl-Ungerija u fil-Polonja, li, fid-data tal-fatti, kienu pajjiżi terzi, kif ukoll fl-Isvizzera.

24 L-awtoritajiet doganali Portugiżi wettqu spezzjoni fl-edifiċji ta' Suez II. Din l-ispezzjoni nbdiet fit-18 ta' Novembru 2002.

25 Wara li elenkat il-fatturi kollha marbuta mal-kunsinni tal-imsemmija merkanzija, l-awtoritajiet doganali talbu lil Suez II tippreżenta d-dokumenti li jagħtu prova li din il-merkanzija kienet daħlet fit-territorju tal-Unjoni, li kienet ippreżentata quddiem l-awtoritajiet doganali u kienet ġiet suġġetta għal dikjarazzjoni sommarja kif jirrikjedu l-Artikoli 38 u 43 tal-Kodiċi Doganali.

26 Suez II ippreżentat dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni quddiem l-uffiċċji doganali ta' diversi Stati Membri għall-parti l-kbira tal-merkanzija koperta minn dawn il-fatturi, iżda mhux għall-merkanzija kollha.

27 Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tindika li fir-rigward tal-merkanzija provenjenti minn GE Hungary, stabbilita fl-Ungerija, kif ukoll minn GE Polska u Elester, stabbiliti fil-Polonja, Suez II ma pproduċiet l-ebda dokument li jipprova r-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera tal-merkanzija, bl-għoti ta' status ta' merkanzija Komunitarja li tirriżulta minnu, u l-ebda dikjarazzjoni sommarja quddiem l-awtoritajiet doganali, iżda ppreżentat sempliċiment fatturi maħruġa matul is-sena 2000 minn fornituri li għandhom is-sede tagħhom f'dawn il-pajjiżi terzi, jiġifieri barra it-territorju doganali tal-Unjoni.

28 L-awtoritajiet doganali qiesu li l-merkanzija li fir-rigward tagħha ma ġiex ipprovat li kienet ġiet issuġġettata għall-proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera quddiem l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kellha titqies bħala merkanzija mhux Komunitarja. Peress li din il-merkanzija ġiet introdotta fit-territorju doganali tal-Unjoni skont l-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali u, skont l-Artikolu 313(2)(a)

tar-Regolament ta' implimentazzjoni, ma huwiex applikabbli għaliha l-prinċipju ta' preżunzjoni tal-istatus Komunitarju ta' merkanzija li tinsab fit-territorju doganali tal-Unjoni, sanċit fil-paragrafu 1 ta' dan l-aħħar imsemmi artikolu.

29 L-awtoritajiet doganali kkonkludew li l-merkanzija kkonċernata ġiet introdotta b'mod illegali fit-territorju doganali tal-Unjoni, u din l-illegalità kienet twassal għall-kostituzzjoni ta' dejn doganali fuq l-importazzjoni, skont l-Artikolu 202(1)(a) tal-Kodiċi Doganali, u, simultanjament, ta' dejn tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq l-importazzjoni.

30 B'deċiżjoni tad-direttur reġjonali tal-litigazzjoni u tal-ispezzjoni doganali ta' Porto (il-Portugall), tal-21 ta' Awwissu 2003, Suez II intalbet tħallas is-somma ta' EUR 353 903,04 rappreżentanti d-dejn doganali. L-avviż tal-ħlas ikopri d-djun ikkostitwiti matul il-perijodu ta' bejn is-16 ta' Ġunju 2000 u l-24 ta' Awwissu 2000.

31 Suez II ħallset l-imsemmija somma fit-8 ta' Settembru 2003. Billi qieset madankollu, li minkejja li Suez II ma kinitx f'pożizzjoni li tipproduċi l-prova ta' dan, il-merkanzija kkonċernata kienet diġà ġiet irrilaxxata għal ċirkulazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni minn operaturi differenti, permezz ta' uffiċċji doganali ta' diversi Stati Membri, u li f'dan il-każ, l-oneru tal-prova tan-natura mhux Komunitarja ta' din il-merkanzija huwa impost fuq l-awtoritajiet doganali, Suez II ippreżentat quddiem it-Tribunal Tributário do Porto (il-Qorti Fiskali ta' Porto, il-Portugall) rikors għal annullament tad-deċiżjoni tad-direttur reġjonali tal-litigazzjoni u tal-ispezzjoni doganali ta' Porto, tal-21 ta' Awwissu 2003.

32 Peress li t-Tribunal Tributário do Porto (il-Qorti Fiskali ta' Porto) ċaħad dan ir-rikors b'sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Suez II appellat minn din is-sentenza quddiem is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall).

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Skont l-Artikolu 313(1) tar-Regolament [ta' implimentazzjoni], għandu jitqies li l-oġġetti inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma ta' natura Komunitarja [jekk] ma jkunux [stabbilit li ma għandhomx dan l-istatus, jew] għandhom jitqiesu bħala oġġetti introdotti fit-territorju doganali [fis-sens tal-]Artikolu [37] ta[l-Kodiċi Doganali u] li jaqgħu taħt l-eċċezzjoni prevista fl-ewwel parti tal-imsemmi Artikolu 313(2)(a) [tar-Regolament ta' implimentazzjoni], [peress li l-istatus Komunitarju jiġi attribwit] biss lil dawk l-oġġetti li fir-rigward tagħhom tiġi prodotta l-prova li kienu suġġetti għal proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-[Unjoni]?"

Fuq id-domanda preliminari

34 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 313 tar-Regolament ta' implimentazzjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li merkanzija, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikkunsinnata u ffatturata minn kumpanniji f'pajjiż terz lil kumpannija stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex din tintuża hemmhekk, għandha titqies, skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, bħala li għandha l-istatus ta' merkanzija Komunitarja jekk ma jkunx stabbilit li ma għandhiex dan l-istatus, jew bħala li ddaħħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali u bħala tali taqa' taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 313(2)(a) tar-Regolament ta' implimentazzjoni, peress li l-istatus ta' merkanzija Komunitarja huwa rikonoxxut biss favur merkanzija li fir-rigward tagħha tiġi prodotta l-prova li dawn tal-aħħar kienu ġew issuġġettati għall-proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni.

35 Suez II issostni li merkanzija bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tinsab fit-territorju doganali tal-Unjoni fid-data li fiha tqum il-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-istatus doganali tagħha, għandha tibbenefika mill-preżunzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 313(1) tar-Regolament ta' implimentazzjoni u għandha titqies bħala merkanzija Komunitarja, ħlief fil-każ ta' prova kuntrarja prodotta mill-amministrazzjoni doganali. Il-fatt li din il-merkanzija ma hijiex akkumpanjata minn dokumenti li jipprovaw ir-rilaxx tagħha għal ċirkulazzjoni libera ma jistax jimplika li din iddaħħlet b'mod illegali fit-territorju doganali tal-Unjoni.

36 Għall-kuntrarju, il-Gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet u l-Kummissjoni Ewropea jsostnu li l-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 313(2)(a) tar-Regolament ta' implimentazzjoni, peress li, ġaladarba hija meqjusa li ddaħħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali, hija, sa mid-dħul tagħha f'dan it-territorju, suġġetta għas-sorveljanza doganali u tibqa' hekk sa meta jkun neċessarju sabiex jiġi ddeterminat l-istatus doganali tagħha. Peress li ma ġietx iddikjarata u mpoġġija taħt is-sistema doganali mad-dħul tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni, hija għandha titqies bħala li ddaħħlet b'mod illegali f'dan it-territorju u b'hekk fid-data ta' dan id-dħul illegali, inħoloq dejn doganali skont l-Artikolu 202 tal-Kodiċi Doganali.

37 F'dan ir-rigward, preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkar li, fid-dwal tal-kliem tal-Artikolu 313(1) tar-Regolament ta' implimentazzjoni, il-merkanzija li tinsab fit-territorju doganali tal-Unjoni huma rrisaputi li għandhom l-istatus ta' merkanzija Komunitarja, minn naħa, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 180 tal-Kodiċi Doganali u l-eċċezzjonijiet riprodotti fl-Artikolu 313(2) tar-Regolament ta' implimentazzjoni, u, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjonijiet li fihom huwa stabbilit li din il-merkanzija ma għandhiex l-istatus Komunitarju. Skont l-Artikolu 313(2) tar-Regolament ta' implimentazzjoni, il-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali, ma hijiex irrisaputa li hija merkanzija Komunitarja dment li l-istatus Komunitarju tagħha ma jiġix debitament stabbilit skont l-Artikoli 314 sa 323 tar-Regolament ta' implimentazzjoni.

38 Qabel xejn, jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-riżerva stabbilita fl-Artikolu 180 tal-Kodiċi Doganali, marbuta mal-ħruġ ta' merkanzija minn żoni ħielsa jew minn mħażen ħielsa, hija, fil-każ odjern, irrilevanti inkonnessjoni mal-fatti tal-kawża prinċipali.

39 Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, hemm lok li tiġi ddeterminata l-portata tal-preżunzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 313 tar-Regolament ta' implimentazzjoni u tal-eċċezzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, f'perspettiva sistematika iktar wiesa', billi dawn id-dispożizzjonijiet jitqabblu mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Doganali, b'mod partikolari, dawk applikabbli għall-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni, għall-istatus ta' merkanzija Komunitarja u għall-proċedura ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' merkanzija importata minn pajjiżi terzi.

40 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, sa fejn l-Artikolu 313(2) tar-Regolament ta' implimentazzjoni jagħmel riferiment għall-kunċett ta' "merkanzija miġjuba fit-territorju doganali [tal-Unjoni]", fis-sens tal-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali, dan għandu jiġi interpretat, b'mod partikolari, fid-dawl tal-Artikolu 4(13) u (19) kif ukoll tal-Artikoli 37, 38, 40, 43 u 45 tal-Kodiċi Doganali, li jaqgħu taħt it-Titolu III ta' dan tal-aħħar, li huwa marbut b'mod partikolari mal-obbligi marbuta mad-dħul ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, mal-issuġġettar tagħhom għal sorveljanza doganali sakemm jiġi ddeterminat l-istatus doganali tagħhom, kif ukoll mar-regoli marbuta mal-preżentazzjoni u mad-dikjarazzjoni fid-dwana.

41 Is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali hija ddefinita fil-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali bħala l-azzjoni mmexxija b'mod ġenerali minn dawk l-awtoritajiet bil-ħsieb li tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni doganali.

42 Skont l-Artikolu 37 ta' l-istess Kodiċi, il-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni hija, mill-ħin tad-dħul tagħha, suġġetta għal sorveljanza doganali. Fil-kuntest ta' din is-sorveljanza, din tista' tkun suġġetta għall-kontroll ta' l-awtoritajiet doganali, skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ, u tibqa' taħt sorveljanza għal kemm ikun hemm bżonn sabiex jiġi stabbilit l-istat doganali tagħha u, fir-rigward ta' merkanzija mhux mill-Komunità, sakemm din jew tbiddel l-istat doganali tagħha, jew tiddaħħal f'żona ħielsa jew maħżen ħieles, jew inkella tiġi esportata mill-ġdid jew meqruda (sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Papismedov *et*, C-195/03, EU:C:2005:131, punt 21).

43 Fil-punt 22 tas-sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Papismedov *et* (C-195/03, EU:C:2005:131), il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-merkanzija li tasal fit-territorju tal-Unjoni hija suġġetta għal sorveljanza doganali minn meta tiġi importata f'dan it-territorju, kemm jekk dan isir b'mod regolari jew bi ksur tal-Artikoli 38 sa 41 u tat-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 177 tal-Kodiċi Doganali, li għandu jiġi stabbilit mill-awtoritajiet ta' sorveljanza permezz tal-kontroll tagħhom. Għaldaqstant isegwi illi l-preżentazzjoni tal-merkanzija għal tali sorveljanza ma hijiex marbuta mar-regolarità tad-dħul tagħha fl-imsemmi territorju.

44 Il-kunċett ta' "introduzzjoni kontra l-liġi" joħroġ minn diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali. B'hekk, l-Artikolu 202 tal-Kodiċi Doganali jiddefinixxih bħala kull importazzjoni ta' merkanzija suġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni bi ksur tal-Artikoli 38 sa 41, u tat-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 177 ta' dan il-kodiċi, kemm fit-territorju doganali tal-Unjoni, jew f'parti oħra ta' dak it-territorju ta' dik il-merkanzija li tkun tinsab f'żona ħielsa jew maħżen ħieles (sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Papismedov *et*, C-195/03, EU:C:2005:131, punt 25).

45 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li importazzjoni ta' merkanzija tikkostitwixxi introduzzjoni kontra l-liġi meta ma tosservax l-istadji segwenti previsti fil-Kodiċi Doganali. Fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 38(1) ta' dan il-kodiċi, il-merkanzija introdotta fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha titwassal mingħajr dewmien fl-uffiċċju doganali nominat jew f'żona ħielsa. Fit-tieni lok, konformement mal-Artikolu 40 ta' dan il-kodiċi, meta merkanzija tasal fl-uffiċċju doganali, hija għandha tiġi ppreżentata hemmhekk. Il-preżentazzjoni tal-merkanzija lid-dwana hija ddefinita fl-Artikolu 4(19) tal-Kodiċi Doganali bħala n-notifika lill-awtoritajiet doganali, bil-mod stipulat, tal-wasla ta' merkanzija fl-uffiċċju doganali jew f'kull post ieħor indikat jew approvat mill-awtoritajiet doganali (sentenzi tat-3 ta' Marzu 2005, Papismedov *et*, C-195/03, EU:C:2005:131, punt 26, kif ukoll tat-2 ta' April 2009, Elshani, C-459/07, EU:C:2009:224, punt 21).

46 Jirriżulta mit-termini nfushom tal-imsemmija dispożizzjonijiet li, biex jiġi kkunsidrat illi merkanzija ddaħħlet b'mod regolari fit-territorju doganali tal-Unjoni, din għandha, mal-wasla tagħha, tittieħed f'uffiċċju doganali jew f'żona ħielsa u tiġi ppreżentata lid-dwana. Dan l-aħħar obbligu, li jaqa' fuq il-persuna responsabbli għad-dħul tal-merkanzija jew fuq il-persuna li tassumi responsabbiltà għat-trasport, għandu l-għan li jiżgura li l-awtoritajiet doganali jkunu informati mhux biss bil-fatt li tkun waslet il-merkanzija, imma wkoll b'kull informazzjoni rilevanti fir-rigward tat-tip tal-oġġett jew prodott ikkonċernat kif ukoll bil-kwantità ta' din il-merkanzija. Fil-fatt, hija din l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni korretta tal-merkanzija għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tat-tariffi fir-rigward tagħha u, jekk ikun il-każ, tal-kalkolu tad-dazju fuq l-importazzjoni (sentenza tat-2 ta' April 2009, Elshani, C-459/07, EU:C:2009:224, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li joħroġ ċar mill-kliem u mill-istruttura tal-Artikolu 4(19), tal-Artikolu 38(1) u tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Doganali li kull merkanzija introdotta fit-territorju doganali tal-Komunità għandha tiġi ppreżentata lid-dwana. (sentenzi tal-4 ta' Marzu 2004, Viluckas u Jonusas, C-238/02 u C-246/02, EU:C:2004:126, punt 22, kif ukoll tat-2 ta' April 2009, Elshani, C-459/07, EU:C:2009:224, punt 23). L-introduzzjoni illegali ta' merkanzija titwettaq kompletament hekk kif hija tgħaddi l-ewwel uffiċċju doganali li jinsab ġewwa t-territorju doganali tal-Komunità mingħajr ma tkun ġiet ippreżentata hemmhekk (sentenza tat-2 ta' April 2009, Elshani, C-459/07, EU:C:2009:224, punt 25).

48 Għalhekk għandu jiġi kkunsidrat li l-merkanzija li, wara li tkun qasmet il-fruntiera terrestri esterna tal-Unjoni, tkun tinsab ġewwa l-imsemmi territorju lil hinn mill-ewwel uffiċċju doganali mingħajr ma tkun twasslet hemmhekk u mingħajr ma tkun ġiet ippreżentata lid-dwana, tkun saret is-suġġett ta' introduzzjoni illegali f'dan it-territorju fis-sens tal-Artikolu 202 ta' dan l-istess kodiċi, bir-riżultat li l-awtoritajiet doganali ma rċevewx notifika tal-importazzjoni ta' din il-merkanzija mingħand il-persuni responsabbli għat-twettiq ta' dan l-obbligu (sentenza tat-2 ta' April 2009, Elshani, C-459/07, EU:C:2009:224, punt 26).

49 Barra minn hekk, il-preżentazzjoni ta' merkanzija fid-dwana skont l-Artikolu 40 tal-Kodiċi Doganali, toħloq, fir-realtà, meta wieħed iqis id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 43 u 45 ta' dan il-kodiċi, obbligu korrelattiv li tiġi ppreżentata fi żmien qasir dikjarazzjoni sommarja jew li jiġu eżegwiti fl-istess żmien il-formalitajiet sabiex tingħata destinazzjoni doganali. Dan ifisser illi jekk għandhom jitpoġġew taħt reġim doganali, għandha ssir dikjarazzjoni doganali. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li b'mod ġenerali, iż-żewġ operazzjonijiet għandhom jitwettqu simultanjament (sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Papismedov *et*, C-195/03, EU:C:2005:131, punt 30).

50 Minn dan jirriżulta li kull kumpannija li, bħal Suez II, għandha fl-edifiċji tagħha, li jinsabu fit-territorju doganali tal-Unjoni, merkanzija mixtrija mingħand kumpanniji stabbiliti f'pajjiżi terzi, għandha tkun kapaċi, bħala persuna kkonċernata mit-tranżazzjonijiet ikkonċernati mwettqa fil-kuntest tal-iskambji ta' merkanzija, fis-sens tal-Artikolu 14 tal-Kodiċi Doganali, tipprova li din il-merkanzija ġiet ippreżentata quddiem uffiċċju doganali tal-Unjoni u li saret dikjarazzjoni sommarja f'dan l-uffiċċju doganali jew li ġew ikkompletati l-formalitajiet intiżi li jagħtu destinazzjoni doganali lill-merkanzija inkwistjoni. Jekk dawn l-obbligi ma jiġux issodisfatti, jeħtieġ li jitqies li kien hemm "introduzzjoni kontra l-liġi fit-territorju doganali tal-Komunità ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 202(1)(a) tal-Kodiċi Doganali.

51 Fit-tieni lok, jeħtieġ li l-Artikolu 313 tar-Regolament ta' implimentazzjoni jiġi interpretat fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali marbuta mal-istatus tal-merkanzija Komunitarja u mal-proċedura ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' merkanzija importata minn pajjiżi terzi.

52 F'dan il-kuntest, hemm lok li jitfakkar, preliminarjament, li l-qorti tar-rinviju tindika li d-dħul tal-merkanzija fl-edifiċji ta' Suez II u r-reċezzjoni ta' fatturi korrispondenti, irreġistrati fil-kotba tal-impriża u maħruġa minn fornitur stabbilit f'pajjiż terz, ma humiex ikkontestati. Lanqas ma huwa kkontestat it-twettiq ta' proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera quddiem l-uffiċċju doganali tal-Unjoni fir-rigward tal-imsemmija merkanzija.

53 Madankollu Suez II ssostni li l-Artikolu 313 tar-Regolament ta' implimentazzjoni huwa msejjes fuq il-prinċipju sanċit fl-ewwel paragrafu tiegħu li jistabbilixxi li l-merkanzija li tinsab fit-territorju doganali tal-Unjoni hija meqjusa bħala merkanzija tal-Unjoni, u b'konsegwenza ta' dan ikun hemm lok li jiġi ammess, dejjem fl-assenza ta' prova kuntrarja, jew li din il-merkanzija ġiet prodotta f'dan it-territorju, fit-termini previsti fl-ewwel u t-tielet inċiż tal-Artikolu 4(7) tal-Kodiċi Doganali, jew li ġiet irrilaxxata fiċ-ċirkulazzjoni libera, skont it-tieni inċiż tal-istess dispożizzjoni u fl-Artikolu 79 tal-Kodiċi Doganali. Din il-preżunzjoni tal-istatus doganali Komunitarju tal-merkanzija bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tapplika dment li ma jiġix stabbilit mill-awtoritajiet doganali li għandha l-istatus ta' merkanzija mhux Komunitarja.

54 Kif tirrileva l-Kummissjoni, tali argument ma jistax jintlaqa'.

55 Minn naħa, merkanzija bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, iffatturata minn fornituri stabbiliti f'pajjiżi terzi lil kumpannija li topera fit-territorju doganali tal-Unjoni, ma tistax tibbenefika mill-istatut ta' merkanzija Komunitarja jekk ma tiġix prodotta l-prova li din ġiet issuġġettata għall-proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni.

56 Fil-fatt, skont l-Artikolu 4(15)(a) u (16)(a) tal-Kodiċi Doganali, waħda mid-destinazzjonijiet doganali ta' merkanzija hija t-tpoġġija tal-merkanzija taħt reġim doganali u wieħed mir-reġimi doganali li tista' titpoġġa taħtu l-merkanzija huwa r-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera. Barra minn hekk, id-definizzjoni tal-merkanzija tal-Unjoni inkluża fl-Artikolu 4(7) tal-Kodiċi Doganali tattribwixxi dan l-istatus, b'mod partikolari, lill-merkanzija importata minn pajjiżi li ma jifformawx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni u li ġew irrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera.

57 L-Artikolu 24 tat-Trattat KE, applikabbli fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, kien jipprevedi li l-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi li fir-rigward tagħhom ġew ikkompletati l-formalitajiet ta' importazzjoni u ġew miġbura f'dan l-Istat Membru id-dazji kif ukoll it-taxxi ta' effett ekwivalenti eżiġibbli, għandhom jitqiesu bħala li ġew irrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera fi Stat Membru.

58 L-Artikolu 79 tal-Kodiċi Doganali jipprovdi li r-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera jagħti lil merkanzija mhux tal-Komunità l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Komunità. Ir-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera jinvolvi l-applikazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali, l-ikkompletar ta' formalitajiet oħra stipulati fir-rigward ta' importazzjoni ta' merkanzija u l-impożizzjoni ta' kull dazju legalment dovut.

59 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-oneru tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemm lok li jitqies li l-preżunzjoni stabbilita fl-Artikolu 313(1) tar-Regolament ta' implimentazzjoni tiġi kkonfutata meta l-awtorità doganali, fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' verifika tagħha, tistabbilixxi li huma issodisfatti l-kundizzjonijiet ta' ċerti eċċezzjonijiet jew riżervi previsti f'din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari, fil-kawża prinċipali, il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 313(2)(a) tar-Regolament ta' implimentazzjoni. F'tali sitwazzjoni, kif jirriżulta mill-punt 50 ta' din is-sentenza, hija l-kumpannija importatriċi li għandha tipprova l-istatus Komunitarju tal-merkanzija inkwistjoni. Fl-assenza ta' tali prova, ikun applikabbli għaliha l-Artikolu 202(1)(a) tal-Kodiċi Doganali.

60 Kif jirriżulta mill-punt 50 ta' din is-sentenza u mill-qari flimkien tal-Artikoli 13 u 16 tal-Kodiċi Doganali, kumpannija importatriċi bħal Suez II għandha titqies bħala persuna kkonċernata, sa fejn din għandha fl-edifiċji tagħha l-merkanzija inkwistjoni akkumpanjata minn fatturi korrispondenti maħruġa mill-fornituri tagħha stabbiliti f'pajjiżi terzi, u hija għandha tipprovdi lill-awtoritajiet doganali kull assistenza neċessarja kif ukoll id-dokumenti u l-informazzjoni kollha irrispettivament mill-forma tagħhom.

61 Kif indikat fil-punti 41 sa 43 ta' din is-sentenza, skont l-Artikolu 4(13) u l-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali, minbarra s-setgħa ġenerali ta' verifika kkonferita lilhom mill-Artikolu 13 ta' dan il-kodiċi, l-awtoritajiet doganali għandhom ukoll is-setgħa li jivverifikaw merkanzija bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali skont l-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk id-dħul ta' din il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni seħħx b'mod legali jew inkella bi ksur tal-Artikoli 38 sa 41 u tat-tieni inċiż tal-Artikolu 177(1) ta' dan il-kodiċi.

62 Minn dan jirriżulta li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, hija l-kumpannija importatriċi, bħal Suez II, li għandha tipproduċi l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija kkonċernata, li skontha tikkostitwixxi merkanzija Komunitarja. Jekk hija ma tipprovdi l-ebda prova li tikkonferma l-istatus Komunitarju ta' dik il-merkanzija, l-awtoritajiet doganali jistgħu jikkonkludu li l-imsemmija merkanzija għandha status ta' merkanzija mhux Komunitarja.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li tingħata risposta għad-domanda magħmula li l-Artikolu 313 tar-Regolament ta' implimentazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li merkanzija, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġiet ikkunsinnata u ffatturata minn kumpanniji stabbiliti f'pajjiżi terzi lil kumpannija stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex tintuża hemmhekk, għandha titqies bħala li ddaħħlet f'dan it-territorju, fis-sens tal-Artikolu 37 tal-Kodiċi Doganali, u bħala li taqa', fuq din il-bażi, taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 313(2)(a) tar-Regolament ta' implimentazzjoni,

peress li l-istatus ta' merkanzija Komunitarja huwa rrikonoxxut biss fir-rigward ta' merkanzija li fir-rigward tagħha tkun ġiet prodotta l-prova li din ġiet issuġġettata għall-proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fuq l-ispejjeż

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 313 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 75/98 tat-12 ta' Jannar 1998, għandu jiġi interpretat fis-sens li merkanzija, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġiet ikkunsinnata u ffatturata minn kumpanniji stabbiliti f'pajjiżi terzi lil kumpannija stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea sabiex tintuża hemmhekk, għandha titqies bħala li ddaħħlet f'dan it-territorju, fis-sens tal-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996, u bħala li taqa', fuq din il-bażi, taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 313(2)(a) tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 75/98, peress li l-istatus ta' merkanzija Komunitarja huwa rrikonoxxut biss fir-rigward ta' merkanzija li fir-rigward tagħha tkun ġiet prodotta l-prova li din ġiet issuġġettata għall-proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Firem